

Brussell, 29 ta' Ġunju 2026
(OR. en)

11282/26
ADD 1

Fajl Interistituzzjonali:
2026/0174 (NLE)

VETER 107
AGRI 550

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	26 ta' Ġunju 2026
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2026) 315 annex
Suġġett:	ANNESS tal- Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat Konġunt stabbilit bil-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea, min-naħa l- waħda, u l-Gvern tad-Danimarka u l-Gvern Lokali tal-Gżejjer Faeroe, min-naħa l-oħra, fir-rigward tad-dispożizzjonijiet għall-implimentazzjoni tal-Protokoll fuq l-affarijiet veterinarji li jissupplimenta l-Ftehim

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2026) 315 annex.

Mehmuż: COM(2026) 315 annex



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 26.6.2026
COM(2026) 315 final

ANNEX

ANNEX

tal-

Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill

dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Komitat Konġunt stabbilit bil-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea, min-naħa l-waħda, u l-Gvern tad-Danimarka u l-Gvern Lokali tal-Gżejjer Faeroe, min-naħa l-oħra, fir-rigward tad-dispożizzjonijiet għall-implimentazzjoni tal-Protokoll fuq l-affarijiet veterinarji li jissupplimenta l-Ftehim

ANNEX

[Abbozz] DEĊIŻJONI Nru .../2026 TAL-KUMITAT KONĠUNT BEJN L-UE U L-GŻEJJER FAEROE

TA' XX XX 2026

li tistabilixxi d-dispożizzjonijiet għall-implimentazzjoni tal-Protokoll fuq l-affarijiet veterinarji li jissupplimenta l-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea, min-naħa l-waħda, u l-Gvern tad-Danimarka u l-Gvern Lokali tal-Gżejjer Faeroe, min-naħa l-oħra, u li tħassar id-Deċiżjoni Nru 1/2001

IL-KUMITAT KONĠUNT BEJN L-UE U L-GŻEJJER FAEROE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim fil-forma ta' skambju ta' ittri, bejn il-Komunità Ewropea, min-naħa l-waħda, u l-Gvern tad-Danimarka u l-Gvern Lokali tal-Gżejjer Faeroe, min-naħa l-oħra,

Wara li kkunsidra l-Protokoll fuq l-affarijiet veterinarji li jissupplimenta l-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea, min-naħa l-waħda, u l-Gvern tad-Danimarka u l-Gvern lokali tal-Gżejjer Faeroe, min-naħa l-oħra ("il-Protokoll"), u b'mod partikolari l-Artikolu 2 tiegħu,

Billi:

(1) Il-Partijiet jaqblu li hemm bżonn ta' aġġornament tad-dispożizzjonijiet għall-implimentazzjoni tal-Protokoll fuq l-affarijiet veterinarji li jissupplimenta l-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea, min-naħa l-waħda, u l-Gvern tad-Danimarka u l-Gvern lokali tal-Gżejjer Faeroe, min-naħa l-oħra ("il-Protokoll") u ddiskutew il-kwistjoni fis-sottogrupp veterinarju stabbilit skont il-Kumitat Konġunt bejn l-Unjoni Ewropea u l-Gżejjer Faeroe.

(2) Diversi referenzi għall-atti legali tal-Unjoni fid-dispożizzjonijiet għall-implimentazzjoni tal-Protokoll li jinsabu fid-Deċiżjoni 1/2001 ma għadhomx rilevanti, u r-referenzi għall-atti legali rilevanti mhumiex hemm. Barra minn hekk, il-Gżejjer Faeroe talbu biex tiġi żgurata aktar ċarezza dwar ir-regoli applikabbli għall-moviment ta' prodotti sekondarji mis-sajd u mill-akkwakultura maħsuba għall-ġhalf tal-annimali mill-Gżejjer Faeroe lejn l-UE u dwar il-moviment ta' żwiemel imwielda fil-Gżejjer Faeroe lejn l-UE.

(3) Il-Partijiet jixtiequ jżommu l-flussi tal-kummerċ tal-annimali u tal-prodotti li joriġinaw mill-annimali bejn l-Unjoni u l-Gżejjer Faeroe, prinċipalment il-prodotti tas-sajd għall-konsum mill-bniedem, il-prodotti sekondarji tal-annimali mis-sajd u mill-akkwakultura, l-annimali tal-akkwakultura, il-molluski bivalvi, iż-żwiemel u s-suf mhux ipproċessat.

(4) Tali kummerċ jenħtieġ li jkun jista' jitwettaq f'konformità mal-istess regoli bħal dawk applikabbli għall-movimenti ta' tali annimali u prodotti fl-Unjoni li għalhekk jenħtieġ li ssir referenza għalihom f'din id-Deċiżjoni. Għal dak l-għan, u minħabba li fl-Unjoni ġew adottati regoli ġodda relatati mal-prodotti mediċinali veterinarji, l-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi oħrajn u mill-Gżejjer Faeroe għandhom jirrispettaw ukoll il-projbizzjoni fuq l-użu tal-

antimikrobiċi għall-promozzjoni tat-tkabbir u ż-żieda fir-rendiment kif ukoll ir-restrizzjonijiet fuq l-antimikrobiċi deżinjati bħala riżerva għall-użu mill-bniedem fl-UE.

(5) Is-sottogrupp veterinarju għalhekk irrakkomanda li din id-Deċiżjoni tħassar u tissostitwixxi d-Deċiżjoni Nru 1/2001.

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Regoli tal-Unjoni applikabbli għall-movimenti minn pajjiżi terzi jew territorji oħra lejn il-Gżejjer Faeroe kif ukoll għall-movimenti bejn il-Gżejjer Faeroe u l-Unjoni

1. Il-Gżejjer Faeroe għandhom japplikaw:

(i) ir-regoli tal-Unjoni applikabbli, imsemmija fl-Anness 1, dwar id-dħul ta' annimali, prodotti li joriġinaw mill-annimali u prodotti sekondarji tal-annimali lejn l-Unjoni minn pajjiżi terzi għad-dħul ta' annimali, prodotti li joriġinaw mill-annimali u prodotti sekondarji tal-annimali lejn il-Gżejjer Faeroe minn pajjiżi terzi;

(ii) ir-regoli tal-Unjoni applikabbli, imsemmija fl-Anness 1, dwar il-movimenti ta' annimali, prodotti li joriġinaw mill-annimali u prodotti sekondarji tal-annimali minn Stat Membru għal ieħor għall-movimenti ta' annimali, prodotti li joriġinaw mill-annimali jew prodotti sekondarji tal-annimali mill-Unjoni lejn il-Gżejjer Faeroe; u

(iii) ir-regoli tal-Unjoni applikabbli, imsemmija fl-Anness 1 dwar dawk l-annimali, il-prodotti li joriġinaw mill-annimali jew prodotti sekondarji tal-annimali elenkati fl-Anness 2, għal tali annimali, prodotti li joriġinaw mill-annimali jew prodotti sekondarji tal-annimali.

2. L-Unjoni Ewropea għandha tapplika r-regoli tal-Unjoni applikabbli, imsemmija fl-Anness 1, dwar il-movimenti minn Stat Membru għall-ieħor ta' dawk l-annimali, il-prodotti li joriġinaw mill-annimali u l-prodotti sekondarji tal-annimali elenkati fl-Anness 2, għall-movimenti ta' tali annimali, prodotti li joriġinaw mill-annimali jew prodotti sekondarji tal-annimali bejn il-Gżejjer Faeroe u l-Unjoni Ewropea.

3. Il-Gżejjer Faeroe u l-Unjoni għandhom jikkooperaw sabiex jiżguraw li l-annimali, il-prodotti li joriġinaw mill-annimali u l-prodotti sekondarji tal-annimali mill-Gżejjer Faeroe jkunu jistgħu jiġu awtorizzati għad-dħul fl-Unjoni.

Artikolu 2

Finanzjament tal-verifiki

Il-Gżejjer Faeroe jimpenjaw ruħhom li jwettqu verifiki fuq il-prodotti li joriġinaw mill-annimali li jidħlu fil-Gżejjer Faeroe minn pajjiżi terzi f'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 79, 80, 83(2), 84 u 85 tar-Regolament (UE) 2017/625 fir-rigward tat-tariffi.

Artikolu 3

Assistenza reċiproka

Il-Gżejjer Faeroe jimpenjaw ruħhom li japplikaw id-dispożizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 8 u fl-Artikoli 102 sa 108 tar-Regolament (UE) 2017/625.

Artikolu 4

Sistemi ta' informazzjoni

1. Il-Gżejjer Faeroe għandhom jużaw is-sistema TRACES (Sistema tal-Kontroll tal-Kummerċ u tal-Esperti Veterinarji) imsemmija fl-Artikolu 133(4) tar-Regolament (UE) 2017/625 biex jinnotifikaw lill-Istati Membri bil-movimenti u l-kummerċ ta' annimali, prodotti li joriġinaw mill-annimali u prodotti sekondarji tal-annimali, meta meħtieġ skont id-dispożizzjonijiet tal-Unjoni.

2. Il-Gżejjer Faeroe għandhom jużaw l-għodda ta' notifika u rapportar tal-Unjoni, ADIS (Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Mard tal-Annimali), imsemmija fl-Artikoli 4, 19, 20, 21, 22 u 23 tar-Regolament (UE) 2016/429.

Artikolu 5

Tħassir tad-Deċiżjoni 1/2001

Id-Deċiżjoni Nru 1/2001 b'dan titħassar.

Artikolu 6

Dħul fis-seħħ

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

ANNES 1

Regoli applikabli għall-annimali, għall-prodotti li joriġinaw mill-annimali u għall-prodotti sekondarji tal-annimali kif imsemmi fl-Artikolu 1.

L-atti legali elenkati hawn taħt iridu jinftiehm u bħala implimentati, supplimentati jew emendati.

Att legali	Kwistjonijiet li jeħtieġu attenzjoni partikolari
<p>Ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 178/2002 tat-28 ta' Jannar 2002 li jistabbilixxi l-prinċipji ġenerali u l-ħtiġijiet tal-liġi dwar l-ikel, li jistabbilixxi l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel u jistabbilixxi l-proċeduri fi kwistjonijiet ta' sigurtà tal-ikel¹</p>	
<p>Ir-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2017 dwar il-kontrolli uffiċjali u attivitajiet uffiċjali oħra mwettqa biex jiżguraw l-applikazzjoni tal-liġi tal-ikel u tal-għalf, ta' regoli dwar is-saħħa u t-trattament xieraq tal-annimali, dwar is-saħħa tal-pjanti u dwar prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 999/2001, (KE) Nru 396/2005, (KE) Nru 1069/2009, (KE) Nru 1107/2009, (UE) Nru 1151/2012, (UE) Nru 652/2014, (UE) 2016/429 u (UE) 2016/2031 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1/2005 u (KE) Nru 1099/2009 u d-Direttivi tal-Kunsill 98/58/KE, 1999/74/KE, 2007/43/KE, 2008/119/KE u 2008/120/KE, u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 854/2004 u (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi tal-Kunsill 89/608/KEE, 89/662/KEE, 90/425/KEE, 91/496/KEE, 96/23/KE, 96/93/KE u 97/78/KE u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 92/438/KEE (Regolament dwar il-Kontrolli Uffiċjali)²</p>	<ol style="list-style-type: none"> 1. It-tfassil tal-listi tal-operaturi mill-Gżejjer Faeroe skont l-Artikolu 10(2) tar-Regolament (UE) 2017/625, għandu jsir fil-pjattaforma TRACES [imsemmija fl-Artikolu 4]. 2. Ir-regoli dwar il-kontrolli fl-Istati Membri previsti fl-Artikoli 116 sa 119 tar-Regolament (UE) 2017/625 għandhom japplikaw <i>mutatis mutandis</i> għall-Gżejjer Faeroe. 3. Il-Gżejjer Faeroe għandhom jiżguraw li l-faċilitajiet tal-postijiet ta' kontroll fuq il-fruntiera tagħhom jikkonformaw mar-rekwiżiti speċifiċi stabbiliti fl-Artikolu 64 tar-Regolament (UE) 2017/625.

¹ [ĠUL 31, 1.2.2002, p. 1.](#)

² [ĠUL 95, 7.4.2017, p. 1.](#)

<p>Ir-Regolament (KE) Nru 853/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 li jistabbilixxi ċerti regoli speċifiċi ta' iġjene għall-ikel li joriġina mill-annimali³</p>	<p>Il-Gżejjer Faeroe għandhom jużaw “FO” bħala l-marka ta' identifikazzjoni prevista fit-Taqsima I tal-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 853/2004.</p>
<p>Ir-Regolament (KE) Nru 852/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar l-iġjene tal-oġġetti tal-ikel⁴</p>	
<p>Ir-Regolament (KE) Nru 183/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Jannar 2005 li jistabbilixxi l-ħtiġijiet għall-iġjene tal-għalf⁵</p>	
<p>Ir-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2016 dwar il-mard trażmissibbli tal-annimali u li jemenda u jħassar ċerti atti fil-qasam tas-saħħa tal-annimali (“Liġi dwar is-Saħħa tal-Annimali”)⁶</p>	<p>Il-proċedura li ġejja se tapplika għall-għoti u għall-irtirar tal-istatus ta' ħieles mill-mard u għall-approvazzjoni u għall-irtirar tal-programmi ta' eradikazzjoni obligatorji u fakultattivi:</p> <ul style="list-style-type: none"> – preżentazzjoni mill-Gżejjer Faeroe ta' talba bil-ġustifikazzjonijiet xierqa kollha lis-sottogrupp veterinarju, – approvazzjoni mis-sottogrupp veterinarju, – aġġornament mill-Kummissjoni wara notifika lill-Istati Membri fil-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf. <p>L-eżami ta' talba possibbli mill-Gżejjer Faeroe li tikkonċerna l-istatus tagħhom għandu jsir abbażi tal-istess kriterji bħal dawk għal talbiet simili mill-Istati Membri.</p>
<p>Ir-Regolament (UE) 2019/6 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar prodotti mediċinali veterinarji u li jħassar id-Direttiva 2001/82/KE⁷</p>	<p>L-Artikolu 107 (il-paragrafi 1 sa 5) u l-Artikolu 118 biss inkluż l-atti legali adottati abbażi ta' dawk id-dispożizzjonijiet</p> <p>L-Artikolu 107(5) għandu jiġi interpretat bit-tifsira li l-prodotti mediċinali li fihom l-antimikrobiċi jew il-gruppi ta' antimikrobiċi riżervati għat-</p>

³ [ĠU L 139, 30.4.2004, p. 55.](#)

⁴ [ĠU L 139, 30.4.2004, p. 1.](#)

⁵ [ĠU L 35, 8.2.2005, p. 1.](#)

⁶ [ĠU L 84, 31.3.2016, p. 1.](#)

⁷ [ĠU L 4, 7.1.2019, p.43](#)

	trattament ta' ċerti infezzjonijiet fil-bnedmin f'konformità mar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/1255 ⁸ ma għandhomx jintużaw għall-annimali.
Ir-Regolament (UE) 2019/4 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar il-manifattura, it-tqegħid fis-suq u l-użu ta' għalf medikat, li jemenda r-Regolament (KE) Nru 183/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 90/167/KEE ⁹	L-Artikolu 17(3) biss
Ir-Regolament (KE) Nru 1069/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 li jstabilixxi regoli tas-saħħa li jirrigwardaw prodotti sekondarji tal-annimali jew derivati minnhom mhux maħsuba għall-konsum mill-bniedem u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1774/2002 (Regolament dwar prodotti sekondarji tal-annimali) ¹⁰	
Id-Direttiva tal-Kunsill 96/22/KE tad-29 ta' April 1996 li tikkonċerna l-projbizzjoni tal-użu fl-istockfarming ta' ċerti sustanzi li jkollhom azzjoni ormonika u tyostatika u ta' beta-agonists u li tħassar id-Direttivi 81/602/KEE, 88/146/KEE u 88/299/KEE ¹¹	
Ir-Regolament (KE) Nru 767/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar it-tqegħid fis-suq u l-użu ta' għalf, li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1831/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 79/373/KEE, id-Direttiva tal-Kummissjoni 80/511/KEE, id-Direttivi tal-Kunsill 82/471/KEE, 83/228/KEE, 93/74/KEE, 93/113/KEE u 96/25/KEE u d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/217/KEE ¹²	

⁸ [ĠUL 191, 20.7.2022, p. 58](#)

⁹ [ĠUL 4, 7.1.2019, p. 1](#)

¹⁰ [ĠUL 300, 14.11.2009, p. 1](#)

¹¹ [ĠUL 125, 23.5.1996, p. 3.](#)

¹² [ĠUL 229, 1.9.2009, p. 1.](#)

Id-Direttiva 2002/32/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Mejju 2002 dwar sustanzi mhux mixtieqa fl-għalf tal-annimali ¹³	
Ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 999/2001 tat-22 ta' Mejju 2001 li jstabbilixxi regoli għall-prevenzjoni, kontroll u eradikazzjoni ta' ċertu enċefalopatija sponġiformi li tinxtered ¹⁴	
Ir-Regolament (KE) Nru 1831/2003 tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill tat-22 ta' Settembru 2003 dwar l-addittivi għall-użu fl-għalf tal-annimali ¹⁵	
Ir-Regolament (KE) Nru 470/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Mejju 2009 li jstabbilixxi l-proċeduri Komunitarji għall-istabbiliment ta' limiti ta' residwi ta' sustanzi farmakoloġikament attivi fl-oġġetti tal-ikel li joriġinaw mill-annimali, u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2377/90 u li jemenda d-Direttiva 2001/82/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament (KE) Nru 726/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ¹⁶	
Ir-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-23 ta' Frar 2005 dwar il-livelli massimi ta' residwu ta' pestiċidi fi jew fuq ikel u għalf li joriġina minn pjanti u annimali u jemenda d-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE ¹⁷	
Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 315/93 tat-8 ta' Frar 1993 li jstabbilixxi proċeduri tal-Komunità għall-kontaminanti fl-ikel ¹⁸	

¹³ [ĠU L 140, 30.5.2002, p. 10.](#)

¹⁴ [ĠU L 147, 31.5.2001, p. 1.](#)

¹⁵ [ĠU L 268, 18.10.2003, p. 29.](#)

¹⁶ [ĠU L 152, 16.6.2009, p.11](#)

¹⁷ [ĠU L 70, 16.3.2005, p. 1.](#)

¹⁸ [ĠU L 37, 13.2.1993, p. 1.](#)

ANNEX 2

Lista ta' animali, prodotti li joriġinaw mill-animali u prodotti sekondarji tal-animali

Prodotti tas-sajd għall-konsum mill-bniedem

Molluski bivalvi ħajjin, ekinodermi, tunikati, gasteropodi tal-baħar u prodotti li joriġinaw mill-animali li ġejjin minn dawk l-animali maħsubin għall-konsum mill-bniedem

Animali tal-akkwakultura

Prodotti sekondarji mis-sajd u mill-akkwakultura

Żwiemel reġistrati

Suf tan-nagħaġ mhux ipproċessat